MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 1930/2003

**Josef Borg**

**Vs**

**Personnel Security Services Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tal-attur li talab lit-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u erba' liri Maltin (Lm604), u cioe' elf, erba' mija u sitt Euro u erbgha u disghin centezmi (€1,406.94) rapprezentanti ammonti li s-socjeta' konvenuta gieghlet lill-attur ihallas lilha indebitament in konnessjoni ma' allegazzjonijiet nfondati ta' serq .

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju, 2003 u tal-4 ta' Gunju, 2003, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Gunju, 2003.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Eccepiet ukoll illi l-flejjes imsemmija fit-talba gew imhallsa lis-socjeta' konvenuta wara li l-attur ammetta li kien immisappropri ja l-istess somma, jew li dina kienet naqset mill-post tax-xoghol tieghu minhabba n-negligenza jew traskuragni tieghu u dana fil-presenza ta' diversi xhieda.

Hadd ma gieghel lill-attur ihallas u huwa seta' liberament jirrifjuta li jaghmel dan kieku deherlu li l-ammont ma kienx dovut.

Ra x-xhieda ta' Josef Borg li jispejga li hu kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bejn Gunju, 2002 u April, 2003 u kien jahdem l-aktar fl-Eden Car Park, fost postijiet ohra u generalment kien jahdem in-'night shift'.

Jispjega ukoll li kienu disgha (9) minn nies li kienu jahdmu u jbiddlu s-'shift'. Ighid ukoll illi l-'operations manager' Mario Cardona kien baghat ghalihom u kien infurmahom li s-Sur Decesare ma kienx qed jaqbel mal-figuri moghtija mis-socjeta' konvenuta u minhabba f'hekk kellhom jissospendu lill-grupp tieghu mix-xoghol, kif ukoll waqqfilhom il-licenzja li jahdmu bhala 'private guards'.

L-attur ighid li hu ma kienx gie sospiz, izda kien intbaghat jahdem is-Sea Bank Hotel u kien ghamel ukoll xi zmien ir-Rinella.

Ighid li s-sur Cardona kien infurmah li ma kienx issospendih ghaliex hu kien tah gustifikazzjoni ghad-diskrepanza tieghu, izda imbaghad kien talbu jhallas ta' din is-diskrepanza s-somma ta' sitt mija u erba' liri Maltin (Lm604), cioe' elf, erba' mija u sitt Euro u erbgha u disghin centezmu (€1,406. 94), altrimenti kien ser ikollu jwaqqaflu l-paga li kellu xahrejn b'lura.

L-attur jispjega li kien hemm din id-diskrepanza ghaliex kien hemm drabi meta kien igholli l-'barrier' minghajr ma rcieva hlas, izda jghid li ghal habta tas-sena 2003, l-Eden

Hotel kienet ghadha mhux kompluta u ghalhekk kien hemm diversi haddiema li kienu jidhlu filghodu u mbaghad kienu johorgu filghaxija, meta kien ikun xoghol. Kien jiftah ukoll ghal xi 'delivery man' tal-halib jew tal-hobz.

Jikkonferma li hu qed jitlob lura l-hlas tal-ammont li hallas ghaliex hu kien gie mgieghel ihallas taht pressjoni.

Jikkonferma ukoll li mbaghad kien telaq minn mas-socjeta' konvenuta u kien mar jahdem ma' socjeta' imwaqqfa minn Mario Cardona.

Ra x-xhieda ta' Claudio Spiteri li kien jahdem bhala konsulent mas-socjeta' konvenuta. Jispjega li wara li kienet saret laqgha bejnu, bejn Kevin Decesare u d-diretturi tal-Intercontinental Hotel, irrizulta li kien hemm xi diskrepanzi  fil-flus dovuti mad-dhul u hrug ta' vetturi mill-'car park'.

Jikkonferma li hemm buttuna F1 fuq il-kompjuter li tgholli l-'barrier' ghal dawk in-nies li huma impjegati u dan sabiex ma jhallsux.

Is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet telf ta' madwar sitt elef lira Maltin (Lm6,000),  u cioe' ekwivalenti ghal tlettax-il elf ,disa' mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) .

Mir-ricerka li saret irrizulta li l-attur kien prezenti fil-hin partikolari kif ukoll kollegi ohrajn.

Ighid li kienu nsistew li min ihallas is-sehem tieghu ma jittiehdux passi kontrihom. Fil-fatt, l-attur hallas u ma ttiehdux passi, izda kienu ttiehdu kontra l-ohrajn. Xorta kien baqa' jahdem maghhom ghal madwar xahar iehor.

Jikkonferma li kienu zammewlu l-paga.

Ighid ukoll li kien l-attur stess li kien mar jahdem is-Sea Bank Hotel.

Ix-xhud jispjega li l-partijiet indikati bl-kuluri orangjo, isfar u blu jindikaw kull darba li ttella' l-'barrier' b'mod irregolari u meta kien hemm prezenti ghax-xoghol l-attur.

Fejn hemm l-orangjo dak il-hin kien hemm 'parking charge' ta' lira Maltija (Lm1), u cioe' ekwivalenti ghal zewg Euro u tlieta u tletin centezmi (€2.33), dawk bl-isfar fejn kien hemm 'charge' ta' zewg liri Maltin (Lm2), u cioe' erba' Euro u sitta u sittin centezmi (€4.66), filwaqt fejn hemm il-kulur blu, ic-'charge' kienet ta' zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2.50), u cioe' hames Euro u tnejn u tmenin centezmi(€5.82).

L-attur ma ta l-ebda gustifikazzjoni ghal nuqqas ta' dawn l-ammonti.

Jikkonferma ukoll li kienu waslu ghal ftehim mas-socjeta' konvenuta li mill-ammont totali li kellhom ihallsu jitnaqqsu ghaxra fil-mija (10 %).

Ra x-xhieda ta' Mark Sammut, li huwa 'managing director' tas-socjeta' Mall Systems Limited, li toffri sistemi u servizzi ta' IT, u fosthom toffri s-servizzi ta' Cursor Car Park System li tikkonsisti f" "***a full integrated and complete system comprising of mechanical and hardware parts and controlling/management software".***

Jispjega li fis-sena 2001, kienu gew kommissjonati mill-Eden Leisure Group sabiex jipprovdu 'car park system' ghal Eden Leisure Complex, St.Julians. Is-'software' kien jissorvelja u jikkontrolla l-operazzjonijiet fizici (ftuh u gheluq tal-'barrier', qari tal-biljetti, ecc), kif ukoll, jaghmel 'auditing' u 'logging' tal-attivatijiet tal-'control-room operator system'.

Ghalhekk din is-sistema kienet taghmel 'auditing' kull meta l-'barrier' kien jinhadem manwalment, fis-sens li wara li jigi verifikat li thallas l-'parking fee', tittella' l-'barrier' awtomatikament u tohrog il-vettura. Jispjega ukoll illi kien hemm ukoll sistema msejjha 'manual override

function', li thalli lill-'operator' jtella' l-'barrier' u jhalli vettura tohrog minghajr ma jigi vverifikat il-biljett.

Ix-xhud jispjega ukoll li kienu gew inkarigati jiehdu hsieb il-manutenzjoni u jaghmlu tajjeb ghal xi hsara u kull darba li tigi rraportata xi tip ta' hsara bhal 'critical fault', 'intermediate fault', kif ukoll 'peripheral faults'.

Ighid ukoll li kemm -ildarba ikun hemm hsara fis-sistema, xorta wahda s-sistema tahdem fuq kanali ohrajn jew alternattivi, b'hekk is-sistema hija wahda affidabbli.

Ra x-xhieda ta' Kevin Tonna li jahdem bhala 'Group Finance Manager' ma' Eden Leisure Group Limited. Jispjega li s-socjeta' konvenuta kienet giet appuntata sabiex tiggestixxi il-'car park' u li tkun responsabbli ghas-sigurta' tal-istess 'car park', kif ukoll taccerta ruhha li jkun qed isir il-hlas mill-persuni li jaghmlu uzu minn dan il-parkegg.

Jikkonferma li s-sistema li tintuza ghall-parkegg hija wahda kompjuterizzata u jigi rrekordjat kull dhul u hrug tal-vetturi meta s-sistema tinhadem b'mod manwali.

Izda, jzid ighid li hemm sistema ta' 'manual back up', fejn tinhadem is-sistema mill-operatur, kull meta jkun hemm hsara. Dan ifisser li l-operatur igholli l-'barrier' manwalment. F'kaz li tigi utilizzata din is-sistema, l-Eden Leisure Group kienu nfurmaw lis-socjeta' konvenuta li f'dan il-kaz ghandhom izommu 'manual log book', u fih iridu jinzammu il-gurnata, hin, 'car registration number' u r-raguni ghalfejn kellha tigi utilizzata din is-sistema. B'hekk dan il-ktieb jista' jigi rrikonciljat minn ezami tal-'audit log' li tinhadem bis-sistema kompjuterizzata.

Ix-xhud jikkonferma ukoll li kien hemm sistema ukoll fejn kien hemm certi persuni li kellhom x'jaqsmu mal-Eden Leisure Group li kienu intitolati li jidhlu b'xejn u kienu ghaddew addiritura lista ta' dawn il-persuni lis-socjeta' konvenuta. F'dan il-kaz ukoll kellha tigi registrata l-entratura u hrug ta' dawn il-persuni.

Minn ‘internal audit’, li sar f’April, 2003 irrizulta li kien hemm diskrepanza ta’ 3,697 ‘exits’ u cioe’ mill-‘manual log book’ kien hemm 3,207 ‘exits’ filwaqt li fis-sistema ‘audit log’ irrizulta li kien hemm 6,904 ‘exits’.

Is-socjeta’ konvenuta ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u kkonkludiet billi hallset lil Eden Leisure Group tlett (3) ‘credit notes’ fl-ammont ta’ hamest elf, seba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm5,761), u cioe’ llum, ekwivalenti ghal tlettax-il elf, erba’ mija u dsatax-il Euro u tnejn u hamsin centezmi (€13,419.52) ghal li paciet ma’ dak li kellha tithallas ghas-servizzi tas-sigurta’.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-attur ipprezenta l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal ghaliex emmen li meta hallas l-ammont ta’ sitt mija u erba’ liri Maltin (Lm604), u cioe’ ekwivalenti ghal  elf, erba’ mija u sitt Euro u erbgha u disghin centezmi (€1,406.94) kien gie mgieghel ihallas ghaliex is-socjeta’ konvenuta kienet hedditu li kienu jnaqqsulu zewg pagi li kien hemm b’lura jekk jonqos li jaghmel dan il-pagament.

Kien ghalhekk li hallas, izda kien baqa’ fl-impjieg mas-socjeta’ konvenuta, izda wara xahar kienu baghtuh go lukanda ohra.

Mill-provi rrizulta ukoll li kienu infurmawh li jekk ihallas ma kienux ikeccuh mix-xoghol.

L-attur isottometta li kien hemm ‘duress’ u ghalhekk kien tqieghed f’posizzjoni fejn il-kunsens tieghu kien ikkundizzjonat u meta hallas dan ghamlu kontra l-volonta’ tieghu u meta ma kellux tort deher li kien qed jammetti li mmisappropija dawk il-flus.

Is-socjeta’ konvenuta da parti taghha tinsisti li ma kienx hemm ‘duress’, tant hu hekk illi kieku l-attur hass li ma kellux tort, hadd ma kien qed jobbligah li jaghmel il-

pagament u meta ghamel dan, kien ghaliex kien jaf li ghandu tort u hallas bil-buona volonta' tieghu.

Ikkunsidra

Illi dak li ghandu janalizza u jiddeciedi dan it-Tribunal huwa jekk irrizultax mill-provi dak li jallega l-attur u cioe' jekk il-hlas li sar minnu sarx indebitament bil-mod minnu deskritt u cioe' taht minaccja da parti tas-socjeta' konvenuta. Dan ghandu jinzamm distint ghaliex l-oneru tal-prova jinkombi fuqu u mhux fuq is-socjeta' konvenuta. Fost affarijiet ohra irid jipprova li ma kienx hemm serq, misapproprjazzjoni jew negligenza da parti ta' l-attur u li l-hlas sar minhabba minaccja li altrimenti jitkecca mill-impieg.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li kien hemm diskrepanza li rrizultat mill-'internal audit' u li kien hemm ghalhekk negligenza jew misappropprijazzjoni da parti tal-attur u shabu, peress li kien hemm disa' (9) impjegati b'kollox.

Id-diversi xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta, in rappresentanza tal-istess socjeta' jew rappresentanti ta' Eden Leisure Centre spjegaw li s-sistema tal-parkegg kienet tinhadem b'mod kompjuterizzata li twassal sabiex wara li jigi kkonfermat li sar pagament mill-klijent, il-'barrier' tittella' mis-sistema stess. Alternattivament, kull darba li jkun hemm 'fault' u cioe' hsara, il-'barrier', tkun trid tinhadem manwalment. L-operatur ikoll jghaffas il-buttuna F1 fuq il-kompjuter biex b'hekk tinfetah il-'barrier'.

F'dan il-kaz, l-Eden kienu talbu li jinzamm 'manual book', sabiex kull darba li  dan il-'barrier' jiffunzjona b'mod manwali, jigi registrat il-hin, il-gurnata, in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura, kif ukoll ir-raguni ghalfejn kellha tinhadem b'mod manwali.

Oltre minn hekk gie kkonfermat mix-xhieda kollha, li peress li kien ghadu ghaddej ix-xoghol tal-Eden kienu qed jidhlu hafna haddiema u kien hemm ftehim li dawn kellhom jidhlu u jaghmlu uzu mill-parkegg gratis. Pero', 'niente di meno', l-Eden kienet talbet lis-socjeta'

konvenuta sabiex ghal darb'ohra jinzamm rekord ta' dawn il-vetturi tal-haddiema. Effettivament kienet tezisti lista ta' dawn il-persuni li setghu jidhlu b'xejn.

Is-socjeta' konvenuta naqset li tipproduci dan il-'manual' pero' dan in-nuqqas ma jistax imur kontra taghha ghaliex l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-attur li messu insista li s-socjeta konvenuta tipproduci dan id-dokument. Minflok, hemm biss ix-xhud Claudio Spiteri li esebixxa prospett fejn wera d-diskrepanzi li rrizulta fis-'shift' li kien hemm prezenti l-attur liema xhieda ma gietx kontradetta mill-attur. Similment l-attur naqas li jitlob lis-socjeta' konvenuta tipproduci l-'audits' originali li kienu ikunu prova importanti. L-istess Spiteri jikkonferma li kien hemm laqgha mar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, tal-Eden u l-impjegati u peress li kien irrizulta li kien hemm xi dispkrepanzi kienu nsistew mal-impjegati li ma jkeccihomx mix-xoghol jekk huma jhallsu dak mitlub minnhom u l-attur kien wiehed minn dawn l-impjegati.

Spiteri jikkonferma ukoll illi l-attur qatt ma ta gustifikazzjoni ghal din id-diskrepanza. Madanakollu, u minkejja l-akkuzi li saru fil-konfront tal-attur, dan baqa' impjegat mas-socjeta' konvenuta, ghalkemm imbaghad mar jahdem fil-Lukanda imsemmija.

Dawn huma ic-cirkostanzi u ghalhekk it-Tribunal irid jiddeciedi kif inghad aktar il-fuq.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fic-cirkostanzi l-unika prova li hemm li timmerita konsiderazzjoni specjali hija dik relattiva ghal fatt li l-attur inghata xelta bejn li jitlef l-impieg tieghu jew izommu billi ihallas dak li kien qed jigi attribwit lilu bhala nuqqas. Il-kwistjoni ghalhekk tirrisolvi ruhha f'jekk dan kien jikkostitwixxi duress ghal fini tal-ligi.

Fil-fehma tat-Tribunal mhux korrett li dan il-mod kif agixxiet is-socjeta' konvenuta kien necessarjament jammonta ghal 'duress'. L-attur kellu triq ohra, cioe', li jinnega kull responsabbilta, jirrifjuta li jhallas u jikkontesta

it-terminazzjoni tal-impieg tieghu kif inhu intitolat jaghmel bil-ligi. Minflok ghazel triq li tikkompara ma dik adoperata mis-socjeta' konvenuta.

F'dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-attur naqas li jipprova il-kaz tieghu. Jizdied ukoll li konfrontat bix-xhieda/provi dwar nuqqasijiet attribwiti lilu ma ta ebda spjegazzjoni u dan jikkonferma d-dritt tas-socjeta' konvenuta li taffrontah bin-nuqqasijiet. Anqas ta' spjegazzjoni ghala qatt ma innega dak attribwit lilu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------